# Is-Santwarju u l-Parroċċa tal-Qalb ta′ Ġesù tal-Fontana

**Il-Ħadd, 28 ta' Ġunju 2026**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Quddies il-Ħadd** | 6.30am, 8.30am, 10.30am, 4.30pm | **Uffiċċju** | 196, Triq tal-Għajn, Il-Fontana, FNT 9026 | *b'appuntament* |
| **Quddies tul il-ġimgħa** | 7.00am, 7.00pm | **Telefon** | 21556097 (uffiċċju) \| 79093699 (kappillan) | |
| **Paġna *Facebook*** | 'Parroċċa tal-Qalb ta′ Ġesù tal-Fontana' | **Radju** | Radju Sacro Cuor 105.2FM | |
| **Websajt** | www.qalbtagesu.com | **Imejl** | fontanaparish@gmail.com | |

## KATEKIŻMU 2026-27 FIL-FONTANA

- **Meta?** Il-ġranet ser jibqgħu t-Tnejn, it-Tlieta u l-Quddiesa tal-Ħadd.
- **X'ħin?** Il-ħin ukoll ser jibqa' l-istess: mill-3.45 sal-4.30pm.
- **Kemm drabi?** Apparti l-Quddiesa tal-Ħadd, Year 1 ikollhom biss it-Tnejn u Year 2 ikollhom biss it-Tlieta. Il-bqija tas-snin jiltaqgħu fil-jumejn imsemmija.
- **Meta jinkitbu?** Iż-żewġ ġenituri tat-tfal li telgħin Year 1 jew tat-tfal mill-Fontana li kienu jmorru post ieħor u issa jridu jiġu katekiżmu għandhom jiġu personalmen tul ix-xahar ta' Settembru fl-uffiċċju u jiktbu lil uliedhom.




### Rekwiżiti biex tfal ġodda jiġu għall-katekiżmu fil-Fontana:

⇒ Iridu jkunu residenti l-Fontana jew jiffrekwentaw regolari l-knisja tagħna.
⇒ Inkella jkollhom nanniet residenti l-Fontana li jkunu jistgħu jakkumpanjawhom anke l-Quddiesa tal-Ħadd.
⇒ Tfal li għandhom l-aħwa li ġa jattendu l-katekiżmu fil-Fontana.

### Għaliex dawn ir-rekwiżiti?

Indunajna li tfal mhux residenti l-Fontana u li jiġu biss għall-katekiżmu, la jiġu għall-quddiesa tal-Ħadd, la tarahom għan-novena tal-Milied, la jittawlu għall-festa u lanqas jidhru għal attivitajiet oħra komunitarji. Aktarx li dawn it-tfal jispiċċaw ma jmorru mkien għax ma jħossuhom parti mill-ebda komunità. Ma tridx għerf biex tinduna li dan kollu ma jagħmilx sens! Il-katekiżmu huwa edukazzjoni għal esperjenza ħajja ta' Ġesù Kristu fi ħdan il-komunità li temmen.

### *Dati li jistgħu jinteressawk*

| | |
|---|---|
| Sportsfest tat-tfal | 10, 11, 12 ta' Settembru |
| Bidu tal-katekiżmu | 4 t'Ottubru |
| L-Ewwel Tqarbina | 6 ta' Ġunju 2027, filgħodu |
| Il-Griżma tal-Isqof | 13 ta' Ġunju 2027, filgħodu |
| Festa liturġika | 4 ta' Ġunju 2027 |
| Festa titulari | 20 ta' Ġunju 2027 |

*Il-Qalb ta' Ġesù jberikkom u Sant'Andrija jħariskom.*
*Il-Kappillan.*




**Coffee morning.** Niltaqgħu l-Ħamis li ġej fis-sala parrokkjali. Nibdew fid-9.00am. Trasport ipprovdut bħas-soltu mill-Kunsill Lokali. Grazzi lil min jieħu sehem u lil kull min jgħin. Inħeġġu oħrajn jingħaqdu magħna. Kellmu lil Giovanna Farrugia 7931 7951 sal-Erbgħa.

## L-EWWEL ĠIMGĦA TAX-XAHAR

***Infakkru li dan hu jum li ried Ġesù nnifsu f'ġieħ Qalbu***

| | |
|---|---|
| Quddies | 7.00am, 11.30am, 7.00pm. |
| Adorazzjoni | 7.30-11.30am; 5.30-7.00pm |
| Talb animat | 8.30-10.00am (Legion u A.K.); 6.00-7.00pm (Siegħa tal-Ħniena Divina) |
| Qrar | qabel il-quddies |

*Filgħodu jsir it-tqarbin fid-djar tas-soltu mill-Kappillan. Indarru lit-tfal tagħna jgħożżu dan il-jum.*



### Residenti fit-territorju parrokkjali tal-Fontana?

1. **Forsi ftit jafu** li mhuwiex awtomatiku li inti, Kattoliku residenti fit-territorju parrokkjali tal-Fontana, tmur tiċċelebra xi sagramenti partikolari (magħmudija, l-ewwel tqarbina, griżma, tieġ), jew tkun parrinu/a, f'parroċċa jew knisja oħra.
2. **Il-Liġi tal-Knisja** titlob li trid tkellem minn qabel lill-kappillan tal-Fontana u hu jagħtik in-"nulla osta" (bħal 'permess') bil-miktub u li mbagħad trid tippreżentah fil-knisja fejn tkun ser tmur.
3. **F'każ tas-sagrament taż-żwieġ**, il-parti residenti fil-Fontana trid tikkuntattja lill-kappillan tal-Fontana biex isir miegħu l-istħarriġ ta' qabel iż-żwieġ. L-għarusa li hi mill-Fontana u ser tiċċelebra ż-żwieġ f'parroċċa/knisja oħra, għandha titlob ukoll "nulla osta" bil-miktub mill-kappillan.
4. Il-kappillan/arċipriet/rettur ta' fejn sejrin hu fid-dmir li jfakkarkom f'dan kollu.
5. **Bullettini ta' parroċċi oħra:** xi toroq tal-parroċċa jirċievu bullettin ta' parroċċi oħra ġirien. Inġeddu l-appell biex it-territorju tal-parroċċa tagħna jiġi rrispettat.

**Providenza.** Mill-bott għand Cini's Bakery **€223.73**, NN **€50**, fam. Cassar **€70**, Fam. Galea (Aus) **€200**, Fam. Grech (Aus) **50AUD**; Tanya Rapa (Aus) **50AUD** *għall-knisja.* Grazzi mill-qalb.

### Intenzjonijiet tal-Quddies tal-ġurnata

| | | |
|---|---|---|
| **It-Tnejn 29** | Anthony Cassar | |
| **It-Tlieta 30** | Carmela, Angelo u fam. Mercieca-Buttigieg | |
| **L-Erbgħa 1** | Carmel Curmi u fam. Spiteri (l) | |
| **Il-Ħamis 2** | Ġorġ, Marija, Lina Galea | |
| **Il-Ġimgħa 3** | Ġużeppa, Ġorġ Schembri u fam. | *11.30am: Ġanni u Ġolina Gatt* |
| **Is-Sibt 4** | Karmnu, Marija Portelli u fam. | |
| **Il-Ħadd 5** | Joseph Buttigieg | *10.30am: għall-poplu tagħna* |